**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 14 ta' Lulju 2022**

**Rikors Nru. 73/2022 GM**

**Partit Nazzjonalista**

**vs**

**Awtorita' tax-Xandir;**

**Public Broadcasting Services Limited (C13140);**

**Ministru Carmelo Abela, Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru responsabbli mix-Xandir Pubbliku;**

**L-Avukat tal-Istat.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-Partit Nazzjonalista li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1. Il-Partit Nazzjonalista huwa partit politiku regolat skont il-liġijiet ta' Malta, u rappreżentat fil-Parlament ta' Malta permezz ta' deputati eletti f'ismu skont il-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. Il-partiti politiċi għandhom sehem ewlieni f'soċjeta' demokratika sabiex, flimkien ma istituzzjonijiet oħra, inkluż partiti mhux eletti fil-Parlament, għaqdiet mhux governattivi, korpi kostitwiti oħra, u rappreżenanti tal-minoranzi, jaħdmu għall-ħolqien tal-ġid komuni, f'ambjent demokratiku fejn is-saltna tad-dritt għandha tibqa' il-boxla għal governanza ġusta.

3. Filwaqt li l-partit fil-Gvern, permezz tal-Eżekuttiv, għandu obbligu li jwassal, bl-aħjar mod, u b'kull mezz possibbli, informazzjoni ġusta u bilanċjata dwar it-tmexxija tal-pajjiż, kif ukoll l-iżvilupp soċjo-ekonomiku u kulturali, il-partit fl-Oppożizzjoni għandu, huwa wkoll, id-dmir li jwassal, bl-istess mod u bl-istess kejl, il-ħarsien u l-ġudizzju tiegħu fuq il-tmexxija tal-Gvern, kif ukoll imexxi 'l quddiem, b'kull mezz possibbli politika alternattiva għal dak li jkun fuq l-aġenda tal-Gvern.

4. Dan id-dritt li jitwassal il-messaġġ għandu jkun bilanċjat, għall-partit fil-Gvern u għall-partit fl-Oppożizzjoni, u dan sabiex il-poplu ikun jista' jifforma opinjoni pubblika, matura u oġġettiva, bla xkiel jew manipulazzjoni tal-informazzjoni fuq il-mezzi tax-xandir, u mezzi oħra użati.

5. Id-dritt taċ-ċittadin li jingħata informazzjoni imparzjali u bilanċata fuq il-mezzi tax-xandir dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali, jew li jirriferixxu għal *policy* pubblika korrenti, huwa protett bil-Kostituzzjoni ta' Malta bit-twaqqif tal-Awtorita' tax-Xandir[1] u l-Liġi dwar ix-Xandir, kif ukoll b'konvenzjonijiet u trattatti internazzjonali, fosthom il-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Drittijiet tal-Bniedem.

6. Il-Kostituzzjoni ta' Malta tagħmel mill-istess Awtorità tax-Xandir l-għassies legali tal-imparzjalità u r-reqqa, fost l-oħrajn fl-aħbarijiet u fi programmi ta' ġrajjiet kurrenti, fejn trid tassigura wkoll li x-xandar jibqa' jżomm imparzjalità sħiħa fejn jidħlu ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew tax-xejra pubblika magħrufa taż-żmien. [2]

7. Artiklu 119 tal-Kostituzzjoni Maltija jiddiskrivi l-funzjonijiet tal-Awtorita' tax-Xandir bħal dik li:

*" (1) Tkun funzjoni tal-Awtorità dwar ix-Xandir li tiżgura li, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smigħ u televiżjoni li jistgħu jkunu provduti f'Malta, tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferixxu għal policy pubblika korrenti u illi l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti"*

[1] Artikolu 118, Kostituzzjoni ta' Malta

[2] Artikolu 1, SL 350.14, Ħtiġiet dwar Standards u Prattika li japplikaw għal Bulettini tal-Aħbarijiet u l-Programmi ta' Ġrajjiet Kurrenti.

*(2) Il-funzjoni tal-Awtorità dwar ix-Xandir imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun bla ħsara għal dawk il-funzjonijiet u dmirijiet l-oħra li jistgħu jiġu mogħtija lilha b'xi liġi li tkun dak iż-żmien isseħħ f'Malta."*

8. Skont l-Artikkolu 10 tal-Att dwar ix-Xandir (Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Awtorita' tax-Xandir għandha s-setgħa li toħroġ liċenzji ta' xandir televiżiv u radjofoniku, ħlief għal dawk l-istazzjonijiet li jkunu proprjetà jew kontrollati minn kumpannija tal-Gvern, liema liċenzja, f'dak il-każ, tkun maħruġa mill-Ministru responsabbli għax-Xandir.

9. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta u kull liġi sussidjarja magħmula taħtu, jibqgħu japplikaw għal dak id-detentur ta' dik il-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli lill-istazzjonijiet proprjeta' jew kontrollati minn kumpannija tal-Gvern, u għalhekk l-Awtorità tax-Xandir għandha s-setgħa li taqdi d-dmirijiet regolatorji tagħha skont il-liġi fuq l-istess detenur tal-liċenzjat mill-Ministru responsabbli tax-Xandir.[3]

10. Artikolu 13 tal-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula b'mod ċar li l-Awtorita' tax-Xandir trid tassigura li l-aħbarijiet kollha mogħtija fil-programmi (f'liema għamla tkun) jiġu preżentati bl-eżattezza dovuta u li jiġu preżentati bl-imparzjalità dovuta mis-servizz pubbliku tax-xandir pubbliku[4], kif ukoll li tinżamm l-imparzjalità dovuta dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li għandhom x'jaqsmu ma' policy pubblika kurrenti.

11. Is-soċjeta' intimata, *Public Broadcasting Services Limited*, (PBS) bħala kumpanija tal-Gvern, għandha liċenzja tax-xandir televiżiv u radjofoniku mogħtija mill-Ministru responsabbili għax-Xandir skont Artikolu 10 4D tal-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex toffri servizz pubbliku tax-xandir.

12. Is-soċjeta' intimata, bħala liċenzjat li toffri servizz pubbliku tax-xandir, u li għandha l-kontroll assolut tal-Gvern, qed tikser b'mod lampanti l-obbliġi tagħha naxxenti mill-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u mill-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta stante li konxjament qed tonqos milli tassigura li l-aħbarijiet kollha mogħtija fil-programmi, partikolarment fil-Bullettin tal-Aħbarijiet, jiġu preżentati bl-eżattezza dovuta u bl-imparzjalità, kif ukoll xjentement qed toħloq żbilanċ eċċessiv kontra r-rikorrenti permezz ta' manipulazzjoni partiġġjana fit-twassil tal-informazzjoni mill-Gvern.[5]

---

[4] Artikolu 13(2) (b) u (c)

[5] Kap 350, Artikolu 10(4C)

"Stazzjonijiet li jkunu proprjetà jew kontrollati mill-kumpannija tal-Gvern imsemmija fis-subartikolu (4D) jew li dwarhom dik il-kumpannija tkun responsabbli editorjalment għandu jkollhom liċenza mill-Ministru. Sabiex l-Awtorità tkun tista' taqdi d-dmirijiet regolatorji tagħha skont il-liġi, il-Ministru għandu, kemm jista' jkun malajr, wara d-data tal-ħruġ ta' kull liċenza lill-kumpannija tal-Gvern hawn qabel imsemmija, jinnotifika bil-miktub lill-Awtorità b'kopja ta' dik il-liċenza. **Id-dispożizzjonijiet**

13. Oltre dan, u kif ser jirriżulta, is-soċjeta' intimata xjentement qed toħnoq b'mod maħsub il-vuċi tar-rikorrenti stante li qed tonqos milli tirrapporta, jew qed tonqos milli tirrapporta b'mod fidil il-ħsibijiet, il-politika, u l-iskrutinju politiku li huwa neċessarju minn partit politiku fl-oppożizzjoni, f'soċjeta' demokratika u dan ukoll bi ksur tad-dritt fondamentali tal-liberta' tal-espressjoni skont il-Kostituzzjoni ta' Malta u skont il-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

14. Fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet, l-Awtorita' tax-Xandir qed tonqos milli tassigura l-imparzjalità u bilanċ fix-xandir mill-istazzjoni tal-iStat skont id-dmirijiet tagħha naxxenti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta u dan bi preġudizzju serju għall-Partit rikorrent.

15. Minkejja li l-Awtorita' tax-Xandir għandha fi ħdana struttura li tissorvelja l-istazzjonijiet liċenzjati u dan biex tassigura l-imparzjalita' u l-bilanċ, l-Awtorita' qed tonqos mill-obbligi tagħha biex tassigura l-istess imparzjalita' u bilanċ skont skont l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan stante li l-Awtorita' tax-Xandir addottat il-prassi li taġixxi biss, jew fil-maġġor parti, fuq ilmenti imressqa minn terzi persuni, inkluż il-partit rikorrent.

16. Fil-15 ta' April 2021 il-partit rikorrent ilmenta mal-Awtorita' intimata dwar ksur tar-regoli tax-xandir mill-PBS, ġiet ordnata sabiex jinqara dirtt ta' risposta, b'punt ta' deċiżjoni li ħadet l-Awtorita', permezz ta' deċiżjoni fl-14 ta' Mejju 2021. Ir-rimedju kien li l-PBS kellu jxandar it-tali dikjarazzjoni:

*"F'seduta li nżammet fis-6 ta' Mejju l-Awtorità, filwaqt li laqgħet in parti l-ilment tal-Partit Nazzjonalista, qablet li x-xandira tal-inawgurazzjoni tal-proġett tal-flyovers tal-Marsa kellha tiġi imxandra b'mod dirett mill-PBS minħabba li dan kien proġett kbir u ta' natura nazzjonali. Il-PBS għamel tajjeb ukoll li rraporta dan il-proġett u li rraporta informazzjoni teknika dwar il-proġett fil-bulettin tal-aħbarijiet minħabba li kienet informazzjoni li trattat proġett ta' interess nazzjonali.* ***Iżda l-intervista li saret fil-programm ta' TVAM tas-16 ta' April kienet pjuttost estensiva u setgħet tat lok għal propoganda.***[6]

17. Il-PBS, dak iż-żmien, taħt id-direzzjoni ta' Norma Saliba, Kap tal-Kamra tal-Aħbarijiet, injorat id-deċizjoniijiet u l-ordnijiet mogħtija lilha mill-Awtorita' tax-Xandir bi ksur tal-liġi, u bi sfida lejn il-Kostituzzjoni ta' Malta u il-Liġi dwar ix-Xandir.

18. Wara in-nuqqas tal-PBS li tixxandar l-ordni tal-Awtorita' tax-Xandir, il-Partit rikorrent għamel ilment ieħor, u kien biss fit-8 ta' Lulju 2021, tliet xhur wara l-ilment oriġinali fejn l-Awtorita' tax-Xandir sabet lill-PBS ħatja li ma

---

**tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dan l-Att u kull liġi sussidjarja magħmula taħtu għandhom jibqgħu japplikaw għal dak id-detentur ta' dik il-liċenzja**." (Emfasi rikorrent)

[6] Emfasi tar-rikorrent

aderietx mad-Direttivi tagħha u dan bi ksur tal-Artikolu 15 tal-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta fiż-żewġ każjiet u imponiet penali fuq l-istess soċjeta' intimata.

19. L-Awtorita' tax-Xandir, f'deċiżjoni minnhom qalet hekk:

*" L-Awtorità rat li d-deċiżjoni li tinqara d-dritt ta' risposta ma kinitx ixxandret fil-bulettini tal-aħbarijiet minkejja t-trapass ta' żmien mill-14 ta' Mejju. L-Awtorità dehrilha li din kellha tixxandar mingħajr ebda dewmien sakemm tali dewmien ma kienx neċessarju minħabba ċ-ċirkostanzi ta' kull każ. Ta' min jinnota li lill-Awtorità ma indikawlha l-ebda ċirkostanza li seta' jiġġustifika dan id-dewmien.*

*L-Awtorità għalhekk iddeċidiet dan il-każ billi ssib lill-istazzjon ħati ta' ksur tad-Direttiva tagħha billi naqas li jaqra sunt tad-deċiżjoni tal-Awtorità li nħarġet fl-14 ta' Mejju 2021 u qed tinfliġġi penali ta' €4,660 fuq il-PBS. Il-penali imposta trid titħallas fi żmien 60 jum mid-data tan-notifika.*"

20. Tali sfida tal-istazzjon intimat lejn l-obbliġi tagħha lejn il-Kostituzzjoni u l-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll il-penali tal-awtorita' imposta tmin ġimgħat wara n-nuqqasijiet kommessi, bla ebda mod ma kienu ta' rimedju ġust fuq ir-rikorrent. Minn l-istess għemil tal-PBS jirriżulta b'mod ċar l-intenzjoni doluża sabiex ma tirrapportax fil-ħin il-verżjoni tal-Partit Nazzjonalista jew tad-deputat tagħha, dan għaliex kieku ma kienx hekk, l-istazzjoni intimat kien jottempra ruħu immedjatament mad-direttivi ordnati mill-Awtorita' intimata.

21. Oltre dan in-nuqqas tal-Awtorita' tax-Xandir li taġixxi fi żiem qasir wara l-isfida tal-istazzjoni intimat ħoloq *chilling effect* fuq ir-rikorrenti u d-deputat tagħha bi preġudizzju fuq ir-rikorrenti, tant li minkejja d-deċiżjonijiet tagħha tat-8 ta' Lulju 2021 meħuda skont il-"funzjonijiet" tagħha fil-konfront ta' min għamel l-ilment, l-Awtorita' tax-Xandir naqset milli tieħu dawk il-miżuri effettivi għal rimedju ġust skont is-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u l-Att dwar ix-Xandir.

22. Tali aġir da parti tas-soċjeta' intimata li ssegwi l-ordni tal-Awtorita' tax-Xandir, u n-nuqqas tagħha li timxi mal-ordni tal-Awtorita' tax-Xandir wasslu ukoll milli il-liċenzjat iħares l-obbliġi tiegħu ta' imparzjalita` u bilanċ skont l-istess Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u l-Liġijiet ta' Malta billi jagħti rimedju erffettiv lir-rikorrent.

23. Oltre li l-intimati kisru l-obbliġi tagħhom skont l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni, l-istess aġir wassal għall-vjolazzjoni tal-liberta' tal-espressjoni tar-rikorrent kif protett taħt l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamental, stante li dan id-dritt jinkludi l-liberta li persuna jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorita` pubblika. Dan neċessarjament jimplika illi sezzjoni tal-popolazzjoni

ma tistax tiġi imxekkla u impeduta mill-Istat milli tagħti, tikkomunika u tirċievi l-informazzjoni u l-ideat tagħha, waqt li s-sezzjoni oħra tal-popolazzjoni tiġi agevolata u mgħejjuna mill-istat biex ixxandar, tippropaga u tirċievi l-messaġġi politiċi tagħha.

24. L-istess aġir tas-soċjeta' liċenzjata li ma xxandarx fil-ħin, u b'mod effettiv l-ordni tal-Awtorita' tax-Xandir wassal għall-diskriminazzjoni kontra l-esponent għaliex ipproteġiet intervista ta' rapprerżentanti tal-gvern li kien estensiv u li seta' ta lok għall-propoganda, kif iddeċidiet l-Awtorita' tax-Xandir, u dan bi vjolazzjoni tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14, fl-imkien mal-Artikolu 10, tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

25. Oltre dan, ir-rimedju mogħti mill-Awtorita' tax-Xandir, fejn immultat lis-soċjeta' intimata għan-nuqqas tagħha li timxi mal-ordni ma hu rimedju xejn għall-partit rikorrent, bil-konsegwenza li l-esponent mhux biss ġie ivvjolat id-dritt tiegħu ta' rimedju effettiv skont Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, iżda tali nuqqas wassal biex inħolqot diskriminazzjoni bejn il-messaġġ imxandar mill-gvern, u n-nuqqas li jiġi imxandar, fil-ħin u b'mod effettiv il-messaġġ tal-esponent u dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14, flimkien mal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea.

26. Skont Artikolu 13 (4) tal-Att dwar ix-Xandir hija l-Awtorita' intimata u mhux il-PBS jew il-Gvern li jorganizza skemi ta' xandiriet politiċi (magħdudin spots politiċi).[7]

27. Fil-11 ta' Otturbru 2021 il-Gvern, permezz tal-Ministeru tal-Finanzi ħoloq kampanja pubbliċitarja fuq l-istazzjoni intimat, inkluż waqt il-bulettini tal-Aħbarijiet, liema reklami kienu biss rekalmi partiġġani, bi slogans politiċi tal-Partit Laburista, bla referenza diretta lejn il-miżuri speċifiċi tal-Budget 2022.

28. Tali kampanja ta' spots politiċi partiġġjani min-naħa tal-Gvern fuq l-istazzjon pubbliku, bla ma l-partit rikorrent ma ingħata l-opportunita' mill-istazzjon intimat sabiex iwieġeb għalihom b'mod bilanċat fil-mument opportun, tixhed kollużjoni bejn il-Gvern u l-PBS sabiex ikun hemm manipulazzjoni ta' informazzjoni propagandista, speċjalment waqt il-ħin tal-aħbarijiet.

29. Tit-12 ta' Ottubru 2021 l-esponent ressaq ilment mal-Awtorita' intimata sabiex tisma' u tiddeċiedi fuq l-operat tal-PBS, u dan minkejja li l-istess Awtorita' għandha d-dover li tissorvelja u tħares l-imparzjalita' u bilanċ minn jeddha, skont il-funzjonijiet tagħha Kostituzzjonali, u li għalhekk qed tkompli tirrendi ruħa bħala Awtorita' reattiva biss għall-ilmenti u mhux proattiva sabiex

[7] iArt 13(4) Kap 350 Liġijiet ta' Malta.

"Ikun ukoll id-dmir tal-Awtorità li, minn żmien għal żmien torganizza skemi ta' xandiriet politiċi (magħdudin spots politiċi) li jkunu jiddistribwixxu b'mod ġust il-faċilitajiet u ż-żmien bejn il-partiti politiċi diversi rappreżentati fil-Parlament; li tipproduċi diskussjonijiet jew dibattiti li jkunu bilanċjati b'mod ġust li jagħtu opportunità ta' smigħ ta' persuni minn gruppi b'interessi partikulari li jkunu differenti u b'punti di vista differenti, kif ukoll li tipproduċi kummentarji jew programmi oħra dwar materji li mgħandhom x'jaqsmu ma' policy pubblika kurrenti, li fihom min ikun qiegħed jieħu sehem jista' jxandar veduti u kummenti differenti."

verament tħares l-imparzjalita' u l-bilanċ fix-xandir, partikolarment fix-xandir pubbliku.

30. Fl-1 ta' Novembru 2021, iktar minn ħmistax wara, u fl-isfond ta' dan l-ilment l-Awtorità għamlet is-segwenti ta' osservazzjonijiet::-

- Parti mill-kontenut tal-ispot li xxandar dakinhar tad-diskors tal-budget kien jikkonsisti fi statements politiċi u għalhekk taw lok li dan il-kontenut wassal biex dan l-ispot jitqies bħala spot politiku.
- Dan l-ispot partikolari kien jikkostitwixxi bħala reklam politiku iżda rat li kien hemm spots oħra li kellhom element informattiv dwar miżuri u benefiċċji li kien jagħmlu parti mill-Budget 2022.
- Minħabba li l-Awtorità tħoss li dan ir-reklamar potenzjalment kellu statements politiċi jinħass li l-Oppożizzjoni kellha tingħata ċ-ċans li tagħti l-veduta tal-Oppożizzjoni rigward dawn l-istatements politiċi.
- L-Awtorità wkoll tħoss li biex jinħoloq bilanċ ma jkunx ifisser li jingħata ħin ugwali, u l-bilanċ ma jintlaħaqx b'mod matematiku iżda ai fini ta' żamma ta' imparzjalità. L-Awtorità qed tara li jingħata ammont ta' ħin biex jiġu ribattuta l-kummenti li ssemmew f'dan ir-reklamar.

31. L-Awtorita' għalhekk ordnat lill-PBS sabiex jalloka 15-il minuta ta' spot lill-Partit Nazzjonalista, liema spots għandhom ikunu ta' 30 sekonda-il wieħed u jridu jiġu identifikati bħala produzzjonijiet tal-PN permezz ta' logo; Ordnat ukoll illi l-produzzjoni trid tiġi approvata mill-Awtorità tax-Xandir u trid tkun qed twieġeb direttament u strettament dawk il-kummenti li jiffurmaw parti mir-reklamar politiku; Oltre dan ordnat li dawn għandhom jibdew jiġu mxandra mhux qabel 5 ijiem minn mindu tiġi mħabbra din id-deċiżjoni u l-ispots iridu jiġu mxandra fuq perjodu ta' ġimagħtejn, kif ukoll li dawn l-ispots għandhom jixxandru fil-brejk tal-bulettin tal-aħbarijiet tat-8pm hekk kif qed tordna u tidderieġi l-Awtorità; ordnat ukoll illi dawn l-ispots ikunu qed jidhru kemm fuq TVM kif ukoll fuq TVMNews+, u li qabel ma jixxandar l-ispot għandha tittella' caption kif ġej:- Dan ir-reklam qed jixxandar fuq struzzjonijiet tal-Awtorità tax-Xandir wara lment tal-PN.

32. Finalment l-Awtorita` ordnat li dawn l-ispots se jkunu qed jgħaddu għand il-PBS mill-Awtorità tax-Xandir u li l-PBS għandu jobbliga ruħu li jxandar dawn l-ispots minn dik il-ġurnata li jaslu għandu.

33. Wara din id-deċiżjoni, il-PBS aċċetta u xandar żieda ta' reklamar billi minflok reklam wieħed dwar il-Budget waqt il-break tal-aħbarijiet tat-8.00pm daħħal żewġ reklami fl-istess break, wieħed qabel ir-reklam tal-Partit Nazzjonalista u ieħor wara r-reklam ordnat mill-Awtorita' tax-Xandir.

34. Ma hemm dubju li dak l-aġir juri kollużjoni stretta bejn il-liċenzjat mal-Gvern b'manipulazzjoni tal-informazzjoni li kellu bħala għan li jinnewtralizza id-deċiżjoni tal-Awtorita', kif ukoll iġib fix-xejn r-rimedju mogħti minnha lill-Partit Nazzjonalista. Dan l-aġir ħoloq ukoll chilling effect fuq il-messaġġ tal-Partit Nazzjonalista kif ordnat mill-Awtorita' tax-Xandir, liema aġir sar bi ksur

tal-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

35. L-intimati naqsu milli jissalvagwardjaw l-imparzjalita' u l-bilanċ b'mod effettiv u dan bi ksur tal-obbliġi tagħhom skont il-Kostituzzjoni, u dan għaliex, f'soċjeta' fejn il-media u l-informazzjoni titwassal b'mod veloċi, u li aħbar tidfen aħbar oħra, l-Awtorita' intimata għandha jkollha mezzi adegwati sabiex tilqa' għall-operat manipulattiv tal-Gvern u tal-PBS flimkien li llum huma strument ta' informazzjoni selettiva, propagandista b'kontroll eċċessiv tal-opinjoni pubblika, u dan ukoll b'dominanza assoluta u sproporzjonata u dan bi ksur tal-liberta` tal-espressjoni kif protett taħt l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

36. L-aġir tas-soċjeta' liċenzjata li taċċetta u xxandar spot politiċi ġodda, b'żieda ma l-iskeda ta' reklami biex tinnewtralizza l-messaġġ tal-Partit Nazzjonalista wassal għall-diskriminazzjoni kontra l-esponent sar bi vjolazzjoni tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14, flimkien mal-Artiklu 10, tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

37. Oltre dan, bin-nuqqas ta' azzjoni da parti tal-Awtorita' tax-Xandir in segwitu ta' dan l-aġir tal-liċenzjat mhux biss ġie ivvjolat id-dritt tiegħu ta' rimedju effettiv skont Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, iżda tali nuqqas wassal biex inħolqot diskriminazzjoni bejn il-messaġġ imxandar mill-gvern, u in-nuqqas li jiġi mxandar, fil-ħin u b'mod effettiv il-messaġġ tal-esponent u dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14, flimkien mal-Artkolu 10, tal-Konvenzjoni Ewropea.

## Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li bl-aġir jew bin-nuqqas tagħha, l-Awtorita' tax-Xandir naqset milli taqdi l-obbliġi tagħha skont Artikolu 119 tal-Kostutuzzjoni u l-Artikolu 13 tal-Kap 350 u provvedimenti oħra viġenti, stante li f'dawk is-servizzi ta' xandir televiżiv tal-liċenzjat intimat, li dwarhom saru l-ilmenti mir-rikorrent, naqset milli tassigura li tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferixxu għal policy pubblika korrenti u illi l-faċilitajiet, l-ħin ta' xandir ikunu imqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti;

2. Tiddikjara li bl-aġir jew bin-nuqqas tiegħu, il-liċenzjat intimat naqas milli jaqdi l-obbliġi tagħha skont Artikolu 119 tal-Kostutuzzjoni u l-Artikolu 13 tal-Kap 350 u provvedimenti oħra viġenti, stante li f'dawk is-servizzi ta' xandir televiżiv tiegħu, li dwarhom saru l-ilmenti mir-rikorrent, naqset milli tassigura li tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferixxu għal policy pubblika korrenti u illi l-faċilitajiet, il-ħin ta' xandir ikunu imqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti;

3. Tiddikjara li bl-aġir tal-liċenzjat intimat milli jottempra ruħu fil-ħin mal-ordni

tal-Awtorita' tax-Xandir skont l-ordni tagħha tal-14 ta' Mejju 2021, wara talba tal-Partit Nazzjonalista fil-15 ta' April 2021, kif ukoll ir-rimedju finali tal-Awtorita' tax-Xandir tat-8 ta' Lulju 2021 fejn imponiet biss penali fuq il-liċenzjat, bla ma tat rimedju effettiv għall-Partit rikorrent, ġie leż id-dritt fondamentali tal-esponenti kif protett mill-Artikolu 10 tal-Kovenzjoni Ewropea u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.

4. Tiddikjara li bl-aġir tal-liċenzjat intimat li aċċetta u xandar reklami tal-Budget 2022 imtella' mill-Gvern ta' Malta fil-break tal-Aħbarijiet, wara l-ordni tal-Awtorita' tax-Xandir biex il-partit rikorrent ikollu l-messaġġ tiegħu marbut mal-Budget 2022, miżjudin fuq dawk li kienu ġia skedati, bil-konsegwenza li l-istess messaġġ tar-rikorrent ġie infilsat bejn żewġ slots tal-gvern bil-għan li jinnewtralizza l-messaġġ tal-Partit Nazzjonalista, ġie leż id-dritt fondamentali tal-esponenti kif protett mill-Artikolu 10 tal-Kovenzjoni Ewropea u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.

5. Tiddikjara li bl-aġir tal-Awtorita tax-Xandir fejn naqset milli tirrimedja l-iżbilanċ fl-azzjoni tal-intimati, minkejja r-rimedju li hija ordnat dwar ir-reklamar tal-Budget 2022 fl-1 ta' Novembru 2021, wara l-ilment tal-Partit Nazzjonalista, ġie leż id-dritt fondamentali tal-esponenti kif protett mill-Artikolu 10 tal-Kovenzjoni Ewropea u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.

6. Tiddikjara li l-aġir tal-intimati meta naqsu milli jassiguraw il-liberta' tal-espressjoni kif protett taħt l-Artikolu 10 tal-Kovenzjoni Ewropea u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, meta ilmenti tar-rikorrent u l-messaġġ tiegħu jiġi mwassal b'mod effettiv skont l-istess ordnijiet tal-Awtorita', il-Partit Nazzjonalista sofra diskriminazzjoni bil-konsegwenza li ġew leżi id-drittijiet fondamentali tiegħu kif protetti skont Artikolu 14, fl-imkien mal-Artikolu 10, tal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

7. Tiddikjara li l-intimati naqsu milli jagħtu rimedju effetti lir-rikorrent bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt fondamentali tar-rikorrent kif protett taħt Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

8. Konsegwentament, tordna lill-intimati sabiex jagħtu dak l-ispażju, b'ħin adegwat, fuq il-mezzi tax-xandir televiżiv sabiex ir-rikorrent iwassal il-messaġġ tiegħu b'mod liberu u mingħajr ebda manipulazzjoni mill-intimati, kif ukoll kull rimedju ieħor skont kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha xierqa.

9. Tillikwida ammont ta` kumpens għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji għall-vjolazzjonijiet hawn imsemmija.

10. Tikkundanna lill-intimati jħallsu l-kumpens hekk likwidat.

11. Tagħti kull ordni u provvediment ieħor li jidhrilha li huwa xieraq sabiex tiżgura d-drittijiet fondamentali tal-esponenti u safejn huwa possibbli, tqiegħdu fl-istat li kienu fih qabel il-vjolazzjoni.

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Preliminarjament, l-esponent ma huwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tal-Partit rikorrent u dan għar-raġunijiet segwenti li qegħdin jinġiebu mingħajr preġudizzju għal xulxin:

a. L-Awtorità dwar ix-Xandir hija mwaqqfa mill-Kostituzzjoni ta' Malta permezz tal-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ma hijiex suġġetta għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra. Fil-fatt l-artikolu 118(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistipola li '*Fl-eżerċizzju tal-kariga tagħha skont l-artikolu 119(1) ta' din il-Kostituzzjoni l-Awtorità dwar ix-Xandir ma għandhiex tkun suġġetta għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra'*;

b. Skont l-artikolu 4(1) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Awtorità dwar ix-Xandir hija korp magħqud li għandha personalità legali distinta;

c. L-esponent ma kellu l-ebda involviment f'dak li qiegħed jallega l-Partit rikorrent u fil-fatt l-allegat aġir jew l-allegat nuqqas ta' aġir li minnu qiegħed jilmenta l-Partit rikorrent ma seħħx mill-esponent u fi kwalsiasi każ, ma jista' qatt ikun imputabbli lilu;

d. It-talbiet tal-Partit rikorrenti ma humiex indirizzati, u fi kwalunkwe każ ma jistgħux jiġu ndirizzati lill-esponent;

e. L-esponent ma jista' jagħti l-ebda rimedju għal dak allegat u mitlub; u

f. Il-Partit rikorrent ma huwiex jilmenta minn xi disposizzjoni ta' liġi, anzi qiegħed jilmenta li ġew miksura l-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, u dan mhux konsegwenza ta' xi aġir jew nuqqas ta' aġir tal-esponent.

Għaldaqstant, l-esponent għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u wkoll in linea preliminari, il-Partit rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji li kienu disponsibbli għalih u dan tant illi qiegħed jipprova jesperixxi diversi azzjonijiet f'daqqa billi jittanta azzjonijiet ordinarji (*vide* l-ewwel żewġ talbiet) u straordinarji (*vide* it-talba numru tlieta (3) *et sequitur*) f'nifs wieħed. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha, fi kwalunkwe każ, tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament l-ilmenti tar-rikorrent a tenur tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tal-Partit rikorrent fir-rikors promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Rat ir-Risposta tal-intimat Ministru Carmelo Abela, Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru responsabbli mix-Xandir Pubbliku li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Ir-rispondent mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi kwalsijasi nuqqas illi l-Partit rikorrent qed jallega illi seta' ġie kommess mill-intimati l-oħra Awtorita' tax-Xandir u/jew Public Broadcasting Services Limited kjarament mhumiex imputabbli lir-rispondent u għalhekk ir-rispondent ġie ċitat in ġudizzju inutilment.

2. L-Awtorita' tax-Xandir hija Awtorita' kostitwita u mwaqqfa mill-Kostituzzjoni ta' Malta u kjarament ir-rispondent m'għandu assolutament ebda involviment ta' kwalsijasi natura fil-funzjonijiet, l-operat u d-deċiżjonijiet tal-imsemmija Awtorita'; filwaqt illi l-Public Broadcasting Services Limited hija mmexxija minn Bord ta' Diretturi u t-trażmissjonijiet illi din il-kumpannija titrażmetti nkluż dawk relattivi għall-aħbarijiet u programmi b'kontenut politiku ċertament illi ma jidħolx fihom ir-rispondent odjern. L-uniku involviment tar-rispondent (jekk wieħed jista' jsejjaħlu hekk) huwa illi huwa jagħti l-liċenzja lil Public Broadcasting Services Ltd għal xandir televiżiż u radjofoniku skont l-Att dwar ix-Xandir, l-istess kif jagħti tali liċenzja lil kull kumpannija u entita' ohra illi għandha liċenzja taht l-imsemmi Att biex toffri servizz pubbliku tax-xandir. Dan ikompli jsaħħaħ il-fondatezza tal-eċċezzjoni hawn fuq sollevata illi r-rispondent mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat *ab observantia.*

3. Essenzjalment fir-Rikors promotur il-Partit rikorrent jilmenta illi –

(i) l-intimata Public Broadcasting Services Ltd qed tonqos milli tassigura li l-aħbarijiet jingħataw b'mod imparzjali u eżatt, u qed toħloq żbilanċ għad-detriment tal-Partit rikorrent; u

(ii) l-intimata Awtorita' tax-Xandir qed tonqos milli tassigura l-imparzjalita' u l-bilanċ fix-xandir mill-istazzjon tal-Istat bi ksur tal-obbliġi kostituzzjonali tagħha.

Ir-rispondent, filwaqt li jtenni li ma jaqbel assolutament xejn mal-allegazzjonijiet magħmula mill-Partit rikorrent, jerġa' jtenni illi huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur biex iwieġeb għal dawn l-allegazzjonijiet u għalhekk mhuwiex sejjer iwieġeb għal tali allegazzjonijiet u għat-talbiet dedotti fir-Rikors promotur fil-mertu, kif lanqas mhu se jiddeduċi diversi eċċezzjonijiet (anke ta' natura proċedurali) li kjarament huma applikabbli għall-każ odjern proprju għaliex mhuwiex il-leġittimu kontradittur u ġie ċitat fil-ġudizzju inutilment.

4. Fir-rigward tar-rimedji mitluba mill-Partit rikorrent, l-ewwel u l-ħames talba huma dedotti direttament fil-konfront tal-intimata Awtorita' tax-Xandir, filwaqt illi t-tieni, it-tielet u r-raba' talba huma dedotti direttament fil-konfront tal-intimata Public Broadcasting Services Limited, filwaqt illi t-talbiet l-oħra kollha huma konsegwenzjali u/jew anċillari u/jew sussidjarji għall-ewwel ħames talbiet ili ebda waħda minnhom mhi dedotta fil-konfront tar-rispondent. Di piu', ir-rispondent kjarament ma jistax u m'għandux jintrometti ruħu fl-operat u l-ħidma la tal-intimata

Public Broadcasting Services Limited u wisq inqas tal-intimata Awtorita’ tax-Xandir u għalhekk ċertament li t-talbiet minn sitta sa ħdax dedotti b’mod ġenerali fil-konfront tal-‘intimati’ (inkluż, allura, ir-rispondent) ma jistgħu qatt jiġu akkolti fil-konfront tar-rispondent.

Rat ir-Risposta tal-Awtorita` tax-Xandir li permezz tagħha eċċepiet illi :

Il-paragrafu wieħed (1) sa tnax (12) tar-rikors promutur hija deskrizzjoni tas-sitwazzjoni legali kif tottjeni sal-lum u dwarha l-Awtorita' ma għandha xejn xi tgħid.

Dwar dak li jingħad fil-paragrafu tlettax (13) u istanzi oħra tar-rikors l-esponent ma jistax jirrispondi u billi hemm imputazzjonijiet li jikkonċernaw l-intimati l-oħra biss u huma dawna li għandhom jirrispondu għall-istess;

Uħud mill-ilmenti imressqa mill-partit rikorrent kellhom jiġu qabel xejn indirizzati bil-mezzi u/jew rimedji ordinarji li tagħti l-liġi.

Dwar il-paragrafi sussegwenti l-Awtorita` dejjem qdiet l-obbliġi tagħha korrettement u skont il-liġi u fil-parametri tal-poter li tagħtiha l-liġi. Illi l-Awtorita' trid u qiegħda tara li jkun hemm imparzjalita` u bilanċ fix-xandir kif trid il-liġi u qiegħda tenforza d-deċiżjonijiet tagħha fejn dawn ma jiġux prontement obduti u esegwiti b'dawk il-mezzi li tagħtiha l-liġi. Għalhekk it-talbiet tar-rikorrent ma għandhomx jintlaqgħu fil-konfront tal-Awtorita` intimata.

Inoltre jiġi notat li bla ebda mod ma hemm lesjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

L-azzjoni dwar l-imparzjalita` fix-xandir tispetta lill-Qorti fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha u mhux f'dik Kostituzzjonali.

B'referenza speċifika għall-allegazzjoni ta' manipulazzjoni mill-Awtorita` eċċipjenti dan huwa kategorikament miċħud.

Inoltre u fi kwalsijasi każ mhux minnu li l-Awtorita` bl-aġir tagħha b'xi mod ċaħdet lir-rikorrenti mit-tgawdija tad-drittijiet fondamentali tagħhom. Illi huma għandhom il-liberta` kollha li jesprimu ruħhom skont il-liġi fuq il-mezzi tax-Xandir minnhom magħżul. Il-kwistjoni tal-bilanċ fix-Xandir hija separata u distinta mit-tgawdija tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti li jibqgħu mhux mittiefsa rrispettivament jekk ikunx hemm bilanċ jew żbilanċ fix-xandir. B'dana kollu l-Awtorita` tagħmel minn kollox biex tassigura li l-bilanċ fix-Xandir kif protett mill-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jkun imħares.

Rat ir-Risposta tal-Public Broadcasting Services Limited (C-13140) li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. Fl-ewwel lok u preliminarjament, ir-rikors promotur huwa irritu u null peress illi permezz tiegħu qegħdin jiġu esperiti mill-inqas tlett azzjonijiet distinti mill-istess attur, uħud minnhom ta' natura ordinarja u oħrajn ta' natura straordinajra hekk kif rifless fit-talbiet innfishom u ċjoè azzjoni bbażata fuq l-Att dwar ix-Xandir u fuq il-Kostituzzjoni kontra l-Public Broadcasting Services Limited, azzjoni bbażata fuq l-Att dwar ix-Xandir u fuq l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni kontra l-Awtorità tax-Xandir u azzjoni bbażata fuq allegat ksur ta' drittijiet fondamentali taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta). Ir-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura fil-Qrati u l-Bon Ordni (L.S. 12.09) imkien ma jikkontemplaw dan it-taħlit ta' azzjonijiet ta' natura differenti f'rikors wieħed u l-azzjoni lanqas ma tinkwadra ruħħa bħala azzjoni kumulattiva fit-termini tal-Artikolu 161(3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12) billi qiegħda ssir minn attur wieħed u mhux minn iżjed minn attur wieħed kif jikkontempla dak l-artikolu;

2. Fit-tieni lok, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikors promotur huwa irritu u null stante illi ma ġietx segwita mir-rikorrenti l-proċedura kontemplata fl-Artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fit-tielet lok, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli għalih u konsegwentament dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tkompli tisma u tistħarreġ dan l-ilment, skont ma jipprovdi l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fir-raba' lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, jiġi eċċepit illi t-talbiet tar-rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda.

Rat l-atti tal-kawża.

Qrat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-abbli avukati difensuri rispettivi tagħhom.

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent fetaħ din il-kawża fuq żewġ inċidenti separati, waħda dwar xandira dwar l-inawgurazzjoni ta' *flyover* fil-Marsa u l-oħra dwar kampanja pubbliċitarja dwar il-baġit tas-sena 2022.

**1. Il-*flyover*.**

Ir-rikorrent ilmenta mal-Awtorita` dwar żbilanċ kontrih mill-PBS permezz tax-xandir dirett dwar l-inawgurazzjoni tal-*flyovers* fil-Marsa fis-16 t'April 2021. Fl-14 ta' Mejju 2021 l-Awtorita` tagħtu rimedju billi ordnat lill-PBS ixandar dikjarazzjoni fis-sens li għalkemm l-PBS kien korrett li jxandar proġett kbir ta' natura nazzjonali, u rrapporta wkoll informazzjoni teknika dwaru, "L-intervista li saret fil-programm ta' TVAM tas-16 t'April kienet pjuttost estensiva u setgħet tat lok għal propaganda".

Il-PBS injorat l-ordni tal-Awtorita`, għaliex ma kinitx taqbel magħha.

Ir-rikorrent reġa' lmenta. Fit-8 ta' Lulju 2021 l-Awtorita` mponiet penali ta' €4,660 lill-PBS għan-nuqqas tagħha. Il-penali ġiet sospiża wara li l-PBS aċċettat li tobdi l-ordni, kif fil-fatt għamlet.

**2. Il-Baġit 2022.**

Fil-11 t'Ottubru 2021 ġie ppreżentat il-Budget fil-Parlament u mill-istess jum il-Ministeru tal-Finanzi nieda kampanja pubbliċitarja dwar il-Budget 2022, inkluż waqt il-bullettin tal-aħbarijiet tal-PBS. Fit-12 t'Ottubru 2021 ir-rikorrent ressaq ilment dwar dan mal-PBS u l-Awtorita`, billi dehrlu li r-reklamar kellu kontenut politiku, u partiġġjan bi *slogans* tal-Partit Laburista. Il-PBS wieġeb li l-ilment kien manifestament infondat. Fl-14 t'Ottubru 2021 il-Kap tal-Oppożizzjoni kiteb lill-Awtorita` u talab laqgħa urġenti magħha. Fl-1 ta' Novembru 2021 l-Awtorita` ddeċidiet li parti mir-riklamar kien isarraf fi *spots* politiċi, u biex tinżamm l-imparzjalita`, ordnat lill-PBS jalloka 15-il minuta ta' *spots* ta' 30 sekonda l-waħda. Dawn kellhom jibdew jiġu mxandra mhux qabel 5 ijiem mid-deċiżjoni u fuq perjodu ta' ġimagħtejn; fil-brejk tal-bulettin tal-aħbarijiet tat-8 p.m. L-i*spots* kienu sejrin jgħaddu għand il-PBS mill-Awtorita` u l-PBS kellu jxandarhom dakinhar li jaslu għandu.

Il-PBS obda l-ordni iżda ma' riklam wieħed tal-Gvern li kien qiegħed jixxandar dak il-ħin żied riklam ieħor tal-Gvern, b'mod li daħħal l-i*spots* fin-nofs bejn żewġ riklami tal-Gvern. Ir-riklami tal-PN bdew fis-6 ta' Novembru u spiċċaw fl-20 ta' Novembru 2021. Appena waqfu, spiċċaw ukoll ir-riklami tal-Gvern. Ir-riklami tal-Gvern kellhom total ta' 8 sigħat u 53 minuti. Barra minn hekk, l-i*spot* tal-PN kienu ta' 9 minuti u 30 sekonda, minkejja li kien ġie allokat 15-il minuta.

Fit-13 ta' Jannar 2022 il-PN ipprotesta dwar dan mal-Awtorita`. Fil-15 ta' Jannar 2022 l-Awtorita` wieġbet li jekk kellu xi lment, il-PN kellu jsegwi l-proċedura dwar l-ilmenti biex tkun tista' titpoġġa għas-smigħ quddiem l-Awtorita` iżda r-rikorrent naqas li jagħmel dan.

**In-nullita` tar-rikors maħluf:**

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha, il-PBS eċċepiet in-nullita` tal-proċeduri billi r-rikorrent esperixxa mill-inqas tlett azzjonijiet distinti; uħud ta' natura ordinarja u oħrajn ta' natura straordinarja. Il-Qorti mhijiex sejra telabora wisq fuq din l-eċċezzjoni, li diġa` ġiet indirizzata f'sentenzi oħrajn, fosthom **Marion Pace Axiaq v Prim Ministru** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali[8], u **Dottoressa Anna Mallia v Kummissjoni dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura**[9] maqtugħa minn din il-Qorti kif bħalissa ppreseduta. M'hemm xejn intrinsikament ħażin fit-taħlit ta' azzjonijiet differenti. Anke għaliex il-liġi proċedurali tagħna hija meqjusa bħala waħda aġġettivali, u mhux formularja: *ubi ius, ibi remedium* – u mhux bil-kontra. Azzjonijiet differenti jistgħu jitressqu f'kawża waħda, diment li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ritwali ta' kull waħda minnhom.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha, il-PBS eċċepiet in-nullita` għaliex ma ġewx sodisfatti d-disposizzjonijiet tal-Art. 460 tal-Kap 12. Din l-eċċezzjoni ma treġix in kwantu din il-kawża tolqot allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali; ma tapplikax għall-Art. 460(2)(a); ma tapplikax għal azzjonijiet li – bħal din – jinstemgħu bl-urġenza (Art. 460(2)(ċ); u barra minn hekk hemm pronunzjament minn din il-Qorti kif ippreseduta li fil-każ tal-Art. 469A, li jirrikjedi proċedura speċjali, japplika l-aħħar paragrafu tal-Art. 460(2) u għalhekk tapplika l-proċedura stabbilita fl-Art. 469A u mhux dik tal-460 tal-Kap 12.[10]

**Il-leġittimi kontradditturi:**

[8] 27.09.2019.
[9] 02.12.2021.
[10] Paul Gauci v Superintendent tal-Patrimonju Kulturali 9 ta' Lulju 2019 (appellata).

L-Avukat tal-Istat eċċepixxa li mhux leġittimu kontradittur. Dwar dan jelabora fit-tul ħafna fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Isostni li l-Awtorita` hija mwaqqfa b'Art. 118 tal-Kostituzzjoni; hija awtonoma; mhix soġġetta għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorita` oħra u għandha d-dmir espliċitu li tassigura l-imparzjalita` fix-xandir pubbliku. Huwa ma kellu l-ebda rwol fl-aġir allegat mill-esponent; tant li l-ebda talba mhi indirizzata lejh. L-Istat ma kellu l-ebda involviment. Lanqas jista' jipprovdi rimedju għal dak mitlub. Ir-rikorrent mhux qed jilmenta minn xi liġi li tikser il-Kostituzzjoni jew id-drittijiet fundamentali. Lanqas hu rilevanti l-Art. 91A(3) tal-Kostituzzjoni li jiddefenixxi r-rwol tal-Avukat tal-Istat. Skont Art. 181B(2) tal-Kap 12, l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'azzjonijiet li ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi kap jew ieħor tad-dipartimenti l-oħrajn tal-Gvern. Similment jiddisponi l-Art. 2(1)(2) tal-Att dwar l-Avukat tal-Istat (Kap 603). Fl-aħħarnett jiċċita għadd ta' sentenzi kontra l-Awtorita` li fihom l-Avukat tal-Istat ma ġiex imħarrek jew li minnhom jirriżulta li l-Avukat tal-Istat mhuwiex il-leġittimarju passiv f'kawżi ta' din ix-xorta.

Il-Qorti taqbel li l-Avukat tal-Istat mhuwiex leġittimu kontradittur, għalkemm ma taqbilx li l-Istat ma jirrispondix jekk ikun hemm ksur tal-liġi ordinarja, tal-Kostituzzjoni, jew tal-Konvenzjoni. B'danakollu l-Istat mhuwiex rappreżentat, f'dan il-każ u f'din l-eventwalita`, mill-Avukat tal-Istat iżda mill-Awtorita` tax-Xandir. Din l-eċċezzjoni hija għalhekk waħda valida.

Il-Ministru Carmelo Abela, li kien Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru responsabbli mix-Xandir Pubbliku, ukoll eċċepixxa li mhux leġittimu kontradittur. Ma kellu, u lanqas seta' kellu, involviment fl-operat tal-Awtorita`,

li ma kinitx taqa' taħt id-dikasteru tiegħu. L-uniku nvolviment kien li jagħti l-liċenzja lill-PBS skont il-liġi. Dan iżda ma jawtorizzaħx jindaħal fl-operat tal-PBS, li huwa rregolat mhux minnu, imma mill-Awtorita`. Din l-eċċezzjoni tal-Ministru hija waħda fondata u għalhekk sejra tiġi milqugħa wkoll.

**Evaluwazzjoni tal-fatti:**

**1. Il-*flyover*:**

F'din l-istanza, il-lanjanza kienet dwar xandira tas-16 t'April 2021. L-Awtorita` tat id-deċiżjoni tagħha fl-14 ta' Mejju 2021 favur l-ilmentatur. Billi l-PBS m'obdietx l-ordni, imponitilha multa ta' €4,660 fit-8 ta' Lulju 2021. Sa hawn l-Awtorita` adempiet sewwa l-obbligi tagħha. Imma mbagħad damet kważi tliet xhur biex tara li d-direttiva tagħha tiġi mplimentata. Il-Qorti tħoss li għalkemm l-Awtorita` aġixxiet biex iżżomm l-imparzjalita`, m'għamlitx dan bil-ħeffa u l-pro-attivita` meħtieġa fil-qasam tax-xandir, speċjalment fi żmien fejn kien hemm xniegħat qawwija u indikazzjonijiet ċari li l-elezzjoni ġenerali kienet imminenti – u fil-fatt hekk kien. L-Awtorita` kellha taġixxi fil-pront; iżda naqset li tagħmel dan. Saħansitra anke meta mponiet multa, irtiratha. U ħalliet ir-risposta tar-rikorrent issir tard, meta l-anqas biss kienet għadha aħbar, għax kien għadda ż-żmien. Fil-qasam tax-xandir, il-ftira sħuna tajba.

Il-PBS missha obdiet **minnufih** l-ordni tal-Awtorita`[11], kemm skont Art. 15 tal-Kap 350 kif ukoll skont l-obbligi tiegħu ex-Art. 9 u 11 tal-liċenzja mogħtija lilha

[11] Chairman Public Broadcasting Services v Broadcasting Authority 15.01.2002 Qorti tal-Appell.

mill-Gvern. Dan kemm jekk taqbel mad-deċiżjoni kif ukoll jekk le, salv li jekk ikun il-każ tattakkaha permezz ta' mezzi opportuni ta' *judicial review* – ħaġa li f'dan il-każ lanqas għamlet. L-insubordinazzjoni tal-PBS u t-tkaxkir tas-saqajn tal-Awtorita`, li wasslu għal tliet xhur dewmien, wasslu għal taparsi rimedju li m'huwa rimedju xejn. Hawn qegħdin fil-qasam tal-medja televiżiva fil-*prime time*, fejn huwa imperattiv li aħbar żbilanċjata tiġi mwieġba fil-pront għax inkella l-effett tat-tweġiba ma jinħassx bir-riżultat li l-iżbilanċ ma jiġix ikkoreġut.

M'hemmx dubju li mill-premess jirriżulta li f'dan l-inċident, l-Awtorita` naqset li twettaq dmirha li tassigura li l-imparzjalita` tiġi mplimentata skont l-**Artiklu 119(1) tal-Kostituzzjoni** li jaqra hekk:

> **"Tkun funzjoni tal-Awtorità dwar ix-Xandir li tiżgura illi, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smigħ u televiżjoni li jistgħu jkunu provduti f'Malta, tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferixxu għal *policy* pubblika korrenti u illi l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti."**

Għalkemm mhix imsemmija fil-Kostituzzjoni, il-PBS ukoll kisret l-imsemmi Art. 119, billi skont l-Art. 10(4C) tal-Kap 350, li jipprovdi għall-ħruġ ta' liċenzja għal stazzjonijiet proprjeta` ta' jew ikkontrollati mill-Gvern, "id-disposizzjonijiet tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dan l-Att u kull liġi sussidjarja magħmula taħtu għandhom japplikaw għal dak id-detentur ta' dik il-liċenzja". Dan apparti li njorat ordni tal-Awtorita` mwaqqfa mill-Kostituzzjoni nnifisha. Għalhekk huwa wkoll dmir tagħha li żżomm l-imparzjalita`.

**2. Il-baġit:**

Wara li l-Awtorita` mponiet direttiva fuq il-PBS biex ixxandar *spots* tar-rikorrent sabiex jiġi bbilanċjat il-miżien, il-PBS mhux biss tat lir-rikorrent ħin inqas minn dak allokat mill-Awtorita`. Għal darb'oħra l-PBS naqset milli tobdi d-direttivi tal-Awtorita` tax-Xandir.

Il-PBS irduppjat ir-riklamar tal-Gvern fil-brejk tal-aħbarijiet tat-8 p.m., billi flok wieħed għamlet tnejn, u tefgħet l-i*spots* tar-rikorrent f'nofshom. Ir-rikorrenti jsostni li dan kien sforz biex il-vuċi dissidenti tar-rikorrent tindifen kemm jista' jkun. L-Awtorita` ma dehrilhiex li kellha tieħu passi dwar dan, peress illi dawn l-i*spots* ulterjuri kienu limitati għal dawk li l-Awtorita` kienet diġa` sabet li kienu ta' natura informattiva u mhux ta' xeħta politika; u peress ukoll li r-rikorrent m'għamilx ilment ulterjuri dwarhom skont il-proċedura stabbilita f' L.S. 350.06.

**Eżawriment tar-rimedji ordinarji:**

Fil-każ tal-baġit, ir-rikorrent naqas li jilmenta mal-Awtorita skont ma tipprovdi l-liġi (Legislazzjoni Sussidjarja 350.06), għalkemm ipprotesta xorta waħda informalment. Kif inhu sewwa magħruf, din il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesgħa jekk tismax ilmenti ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali meta jkun hemm rimedji oħrajn disponibbli. Diskrezzjoni li għandha tuża' bil-bon sens u mhux b'xi mod arbitrarju jew kapriċċuż. Fil-każ tal-baġit, il-Qorti tqis li kellu jiġi adoperat ir-rimedju ta' protest formali quddiem l-Awtorita`; għaliex din hija l-organu kostituzzjonali attrezzat apposta biex jindirizza ksur ta' imparzjalita` fix-xandir u biex tagħti rimedju xieraq u fil-waqt. Din il-Qorti mhix l-organu

kostituzzjonali kompetenti fil-qasam tar-regolament tax-Xandir u qajla hu opportun li tiġi adita hi minflok l-organu kostituzzjonali appożitu.

**Kunsiderazzjonijiet legali:**

L-ilment ewlieni – għalkemm mhux waħdieni – tar-rikorrent huwa l-ksur tad-dritt tiegħu tal-espressjoni. Dritt li jappartjeni kemm lil persuni naturali kif ukoll legali.[12] Dritt li kien fost l-ewwel li kien rikonoxxut bħala fundamentali għall-bniedem bil-kitbiet ta' illuministi bħal Voltaire u Didorot. Fil-fatt Diderot kien ippersegwitat u anke mixħut il-ħabs għall-fehmiet tiegħu; u bosta mill-kitbiet tiegħu iċċensurati u ppubblikati biss wara mewtu. Id-dritt tal-espressjoni kien inkluż fid-*Declaration des droits de l'homme et du citoyen* ippromulgata fl-1789 mill-Assembleja Nazzjonali ta' Franza, li fiha l-komunikazzjoni ħielsa tal-ħsieb u tal-opinjonijiet ġiet deskritta bħala *"un des droits les plus precieux de l'Homme".* Hekk ukoll proprju fl-ewwel emenda għall-Kostituzzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerka, ġie mniżżel li "*Congress shall make no law… abridging the freedom of speech, or of the press*". Il-Qorti Ewropea qalet li "*freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and each individual's self-fulfillment*".[13]

Il-pluraliżmu huwa fattur importanti tal-jedd tal-espressjoni. L-Istat mhux biss għandu l-obbligazzjoni negattiva li ma jindaħalx u ma joħnoqx id-dritt tal-espressjoni, imma saħansitra għandu wkoll obbligazzjoni pożittiva sabiex joħloq qafas leġiżlattiv u amministrattiv biex jiggarantixxi pluraliżmu effettiv, sabiex id-

[12] Autronic AG v. Switzerland, EctHR 22 ta' Mejju 1990 No. 12726/87, para. 47.
[13] Rekvenyl v Hungary, Grand Chamber nru. 25390/94 § 42, ECHR 1999-III.

dritt tal-espressjoni ma jiġix miksur anke minn persuni privati.[14] Fejn l-Istat innifsu jwaqqaf servizz ta' xandir pubbliku, partikolarment meta huwa l-parteċipant dominanti, l-Istat irid jassigura li jipprovdi lill-pubbliku b'informazzjoni imparzjali u preċiża u firxa ta' opinjoni u kummenti, li jirriflettu d-diversita` tal-fehmiet politiċi fil-pajjiż.[15]

Fil-każ ta' **Manole v Moldova**, TRM, proprjeta` tal-Istat, kien l-iktar stazzjon tat-televiżjoni segwit fil-Moldova. Ma kellhiex monopolju għaliex kien hemm stazzjonijiet privati. L-impjegati tiegħu ħarġu fuq strajk jilmentaw li kien hemm indħil politiku fir-rappurtaġġ tal-aħbarijiet u ġew iddixxiplinati. Il-Qorti ta' Strasburgu sabet li kien hemm ksur tal-Art. 10 tal-Konvenzjoni.[16]

F'Malta, l-Istat ukoll għandu l-istazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni tiegħu. Hemm ukoll għadd ta' stazzjonijiet privati. Barra minn hekk, iż-żewġ partiti ewlenin, wieħed minnhom ir-rikorrent, għandhom l-istazzjonijiet rispettivi tagħhom. B'danakollu, l-istazzjon tal-Istat għandu l-ikbar udjenza li tilħaq il-massimu tagħha fil-ħin tal-aħbarijiet. Permezz tal-aħħar eċċezzjoni tagħha, l-Awtorita` ssostni li l-kwistjoni tal-bilanċ fix-xandir hija separata u distinta mit-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent li jibqgħu mhux mittiefsa rrispettivament jekk ikunx hemm bilanċ jew żbilanċ fix-xandir. Il-Qorti taqbel li ż-żewġ elementi huma kunċettwalment differenti, iżda ma tistax tissottoskrivi għad-deduzzjoni li l-ksur tal-ewwel ma jsarrafx fil-ksur tat-tieni **meta l-iżbilanċ joħolqu l-Istat innfisu.** Dan il-Qorti mhix qed taffermah fuq l-awtorita` tagħha nnifisha, imma fuq dik tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea, li, kif ġja` ngħad, għarfu

---

[14] Centro Europa 7 SRL and Di Stefano v Italy, 7 ta' Ġunju 2012.
[15] Manole v Moldova, 17 ta' Settembru 2009, iċċitata minn Karen Reid, A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights, 5th ed. (2015) paġna 628.
[16] Jacobs, White & Ovey, The European Convention on Human Rights 7th ed (2017) paġna 513.

li meta l-Istat ikollu l-istazzjon tiegħu, l-iżbilanċ jikser id-dritt tal-espressjoni. Id-dmir taż-żamma tal-bilanċ mhux għan fih innifsu, imma jiskatta mid-dmir tal-Istat li ma joħnoqx l-għejun ta' komunikazzjoni ta' fehmiet – speċjalment fehmiet li ma jaqblux ma' tiegħu stess. Il-liberta` tal-espressjoni ma tapplikax biss għall-kontenut imma wkoll għall-mezzi ta' komunikazzjoni għaliex jekk toħnoq tal-aħħar tkun qiegħed toħnoq tal-ewwel.[17] F'ċertu sens, il-Qorti ta' Strasburgu tagħraf dak li għallem Marshall McLuhan li "***the medium is the message***."

Hemm aspett ieħor li jrid jiġi kkunsidrat. Dak li qiegħed jitlob li jeżerċita r-rikorrent mhuwiex sempliċiment li jitħalla', b'mod ġenerali, jsemma' leħnu bħalma jsemma' leħnu l-Gvern. Qiegħed jitlob xi ħaġa iktar: li jingħata d-dritt li jwieġeb għal dak li jgħid il-Gvern; ir-*right of reply*. Dritt li l-Istat għandu jħares bħala parti mill-obbligu pożittiv tiegħu, kif il-Qorti diġa` spjegat: *"The Court is of the opinion that a legal obligation to publish a rectification or a reply may be seen as a normal element of the legal framework governing the exercise of the freedom of expression by the print media. It cannot, as such, be regarded as excessive or unreasonable. This flows from the need not only to be able to contest untruthful information, but also to ensure a plurality of opinions, especially on matters of general interest such as literary and political debate*".[18] Jekk l-Istat għandu l-obbligu pożittiv, skont l-Art. 10 tal-Konvenzjoni, li joħloq il-qafas leġislattiv biex jingħata r-*right of reply* bejn persuna privata u oħra, iktar u iktar għandu dan l-obbligu meta r-*right of reply* ikun eżerċitat kontra l-Istat jew l-organi tiegħu.

[17] Ahmet Yildirim v. Turkey Nru. 3111/10 §50, ECHR 2012, fost l-oħrajn.
[18] Kaperzynski v Poland, ECtHR 3 t'April 2012, Nru. 43206/07, para. 66. Ara wkoll Pieter Van Dijk et., Theory and Practice of the European Convention on Human Rights 5th ed. (2017) paġni 777-780.

F'dan l-istadju, din il-Qorti ma tistax ma tgħaddix kumment ta' natura ġenerali, f'tentattiv – anke jekk jibqa' biss leħen solitarju fid-deżert - sabiex id-dritt tal-espressjoni ma jkomplix jiġi kkalpestat. Donnha saret konvenzjoni mhux miktuba li fil-politika Maltija, *the winner takes all.* Ir-rebbieħ juża' l-*power of incumbency* sal-limitu tagħha, inkluż il-mezzi tax-xandir. It-tellief joqgħod jitkaża u kultant jipprotesta, anke permezz tal-Qrati. Imbagħad meta l-folja tinqaleb it-tellief, issa rebbieħ, jaqa' fil-każa billi jabbuża hu stess. U hekk l-istorja tirrepeti ruħha. Hemm bżonn li din il-logħba tal-qattus u l-ġurdien tinqata' darb'għal dejjem.

Ir-rikorrent jallega wkoll li saret diskriminazzjoni kontra tiegħu bi ksur tal-Art. 45 tal-Kostituzzjoni u tal-Art. 14 tal-Konvenzjoni. Skont dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, diskriminazzjoni tinkludi l-għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal opinjonijiet politiċi. Skont l-Art. 14 tal-Konvenzjoni, it-tgawdija tad-drittijiet fundamentali – inkluż għalhekk il-jedd tal-espressjoni - għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni. M'hemmx dubju li l-iżbilanċ tax-xandir sarraf f'diskriminazzjoni politika b'detriment għar-rikorrent. Id-diskriminazzjoni hi bejn il-Partit Laburista, li jinstab fil-Gvern, u l-Partit Nazzjonalista, li jinstab fl-Oppożizzjoni.

Fl-aħħarnett ir-rikorrent jallega ksur tal-Art. 13 li jesiġi li kull vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali anke jekk dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qegħdin jaġixxu f'kariga pubblika. Rimedju dan li din il-Qorti qiegħdha hemm biex tagħti. Għalhekk mhux se jkun hemm ksur ta' din in-norma.

Il-Qorti mhix f'qagħda li tipprovdi rimedju sħiħ għaliex dritt ta' tweġiba jekk jingħata meta jkun għadda ż-żmien qajla jkollu effett. Din il-Qorti appuntat il-kawża bl-urġenza. Wara l-appuntament tal-kawża ġiet imħabbra d-data tal-elezzjoni. Minħabba li kien hemm żmien ferm limitat, lanqas din il-Qorti ma kienet f'qagħda li tiddeċiedi l-kawża qabel l-elezzjoni. Jekk kien hemm żbilanċ kontra r-rikorrent, dan ma seta' jieħu l-ebda rimedju qabel l-elezzjoni, li kien iż-żmien l-iktar proprizju għal rimedju. Tabilħaqq, illum lanqas minn din il-Qorti ma jista' jingħata r-*restitutio in integrum*; li kien ikun li l-iżbilanċ jiġi ndirizzat minnufih.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tilqa' in parte l-ewwel talba billi tiddikjara li l-Awtorita`, bi ksur tal-Art. 119 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 13 tal-Kap 350, naqset milli tassikura li tiġi miżmuma imparzjalita` xierqa dwar ħwejjeg ta' kontroversja politika jew li jirreferixxu għal *policy* pubblika kurrenti billi m'aġixxietx bi speditezza meta l-PBS għal żmien konsiderevoli naqset li tobdi l-ordni tagħha fil-każ tax-xandira dwar il-*flyover* indikata fir-rikors promotur, iżda tiċħadha fil-każ dwar il-baġit.

2. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li bl-aġir tiegħu, il-PBS, bi ksur tal-Art. 119 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 13 tal-Kap 350, naqas milli jassikura li tiġi miżmuma imparzjalita` xierqa dwar ħwejjeg ta' kontroversja politika jew li jirreferixxu għal *policy* pubblika kurrenti billi sfida ordni tal-Awtorita` dwar ix-xandira dwar il-*flyover* indikata fir-rikors promotur.

3. Tilqa' in parte t-tielet talba billi tiddikjara li n-nuqqas tal-PBS li jottempera ruħu fil-ħin mal-ordni tal-Awtorita` tal-14 ta' Mejju 2021, u n-nuqqas t'azzjoni fil-pront tal-Awtorita`, jikser id-dritt fundamentali tar-rikorrent kif protett bl-Art. 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Art. 41 tal-Kostituzzjoni.

4. Tiċħad ir-raba' talba.

5. Tiċħad il-ħames talba.

6. Tilqa' in parte s-sitt talba billi tiddikjara li l-PBS u l-Awtorita` kisru l-Art. 10 tal-Konvenzjoni u l-Art. 45 tal-Kostituzzjoni meta l-PBS m'obdietx tempestivament l-ordni tal-Awtorita` tal-14 ta' Mejju 2021 u l-Awtorita` meta ma ħaditx passi fil-pront.

7. Tiċħad is-seba' talba.

8. Tilqa' in parte t-tmien talba billi tordna li sunt adegwat u fidil ta' din is-sentenza jixxandar b'mod u f'ħin prominenti fl-aħbarijiet tat-8 p.m. fl-istazzjon televiżiv ta' TVM mhux iktar tard minn tmint ijiem mid-data ta' meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

9. Tilqa' in parte d-disa', l-għaxar u l-ħdax-il talba billi tordna lill-Awtorita` u lill-PBS iħallsu €1,500 kull wieħed bħala danni mhux pekunjarji lir-rikorrent.

Spejjeż kwart għar-rikorrent u tliet kwarti għall-intimati.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA